‘POSITION PAPER” L-INSIB GĦAS-SEBA’ SPEĊI TAL-GĦANA

20 ta’ Marzu 2006

Peress li l-ftehim li Malta għandha mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-insib jgħid li l-insib jista’ jibqa’ jsir sal-2008; peress ukoll li l-istess ftehim m’għamel ebda distinzjoni bejn l-insib fil-ħarifa, fix-xitwa jew fir-rebbiegħa; il-Federazzjoni hi tal-fehma li l-emenda, kif proposta, m’hijiex meħtieġa.
Oltre dan il-Federazzjoni hija wkoll konxja li l-iskop tal-Kummissjoni li l-insib tradizzjonali għal dawn l-ispeċi jonqos gradwalment, qiegħed diġa jiġi milħuq permezz ta’ “natural wastage” li beda jseħħ fl-1 t’Awissu tal-2002, meta ma baqgħux jinhargu liċenzji ġodda għan-nassaba prospettivi.

Madankollu, l-Federazzjoni kienet tkun disposta li tikkonsidra proposti li kienu jkunu iktar addattati għas-sitwazzjoni lokali fejn ikun hemm reviżjoni ta’ l-istaġun ta’ l-insib tar-Rebbiegħa billi dan jibda fl-1 ta’ Marzu u jkompli sa l-10 ta’ April. B’dan illi tali reviżjoni ma titqiesx bħala estenzjoni ta’ l-istaġun minfuħ, anzi tnaqqis li jista’ jkun aċċettabbli. B’hekk jintlaħaq l-iskop ta’ l-awtorita’ b’mod li jħares is-sitwazzjoni lokali.

Qabel ma’ tasal is-sena 2008, il-Federazzjoni ser tilħaq tippreżenta proposti lil kull min jista’ jkun fil-Gvern f’din is-sena tal-Elezzjonijiet Ġenerali, li jkunu jistgħu jintużaw ukoll jekk il-Partit li jkun fil-Gvern ikollu r-rieda politika u stoffa biżżejjed biex nibqgħu nonsbu regolarment u kif tradizzjonalment dejjem għamilna, anke wara l-2008.